# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
## CHAIRPERSON: Dr. Yana Micallef Stafrace

**Decizjoni Nru: 2329**

Kaz Nru.: 2991/YMS

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn:-

Anita Cassar Bellizzi

vs

San Raffael Pharmacy u b'digriet datat 14.10.2013 kull fejn jirrikorru l-kliem San Raffael Pharmacy ghandu jigi Dr. Maria Micallef, Karl Micallef, Malcom Micallef u Saviour Micallef ezercenti l-kummerc bl-isem San Raffael Pharmacy f'kull fejn jirrikorru l-kliem San Raffael Pharmacy fl-atti

Illum it-Tnejn, 1 ta' Dicembru, 2014.

**It-TRIBUNAL**

I PRELIMINARI

1. Fl-20 ta' Jannar, 2012, ir-Rikorrenti, spizjara, ressqet l-ilment taghha li fih tallega agir, min-naha ta' l-Intimati, li jikkostitwixxi tkeccija ngusta mill-impieg taghha u ghalhekk titlob lit-TRIBUNAL biex jiddeciedi illi "r-Rikorrenti giet imkeccija ngustament mill-impieg taghha u giet diskriminata mill-Intimat u b'hekk ir-Rikorrenti qed titlob kumpens xieraq u gust".

2. Spjegat li kienet impjegata *part-time* fl-ispizerija San Raffael u minghajr konsultazzjoni giet infurmata li kienet ser issir *full-time.* Semmiet x'salarju riedet u l-Intimat ma qabilx u saret taf li kien ga sab spizjara ohra biex tiehu dan l-impieg. Giet infurmata bit-tmiem tal-impieg fit-3 t'Ottubru, 2011, u kellha tahdem in-*notice* sal-1 ta' Novembru, 2011.

3. Ir-Rikorrenti xliet lill-Intimat bi ksur tar-regolarment dwar Impjegati *part-time* L.S 459.79. Billi r-Rikorrenti hi mara b'responsabiltajiet familjari kemm ukoll allegat ksur tal-Kap 456.

4. Qalet li r-riferenza moghtija lilha li tinkludi dikjarazzjoni "we recently offered *full-time* employment to Anita, however due to family commitments she cannot meet

our request and therefore had no option but to resign" hi falza. Issostni li l-Intimat ma riedx jibqa' jimpjegaha minhabba responsabbiltajiet familjari u din hi diskriminazzjoni. Mar-rikors hemm kopja ta' *Letter of Reference* datata 03.10.2011.

5. Fit-8 ta' Marzu, 2012, ir-Rikorrenti dahhlet DIKJARAZZJONI li ma zzid xejn ma' dak li hemm fir-Rikors.

6. Fis-6 ta' Marzu, 2012, l-Intimat dahhal RISPOSTA u dikjarazzjoni. Qal li fl-2008 ir-Rikorrenti kienet impjegata *part-time* ghal tliet xhur u wara bhala *full time with reduced hours* (ara Dok SRP1) – formola ta' ingagg sottomessa lill-ETC. F'Settembru, 2011, talbu lir-Rikorrenti tirriverti ghal sieghat shah. Din qaltilhom li dan ma kienx possibbli ghaliha minhabba tarbija li kienet twielditilha f'Marzu, 2011. Wara ssuggeriet li zewgha jieqaf jahdem biex tkun tista' tahdem sieghat shah. Talbet paga ta' €2,500 fix-xahar. Ghall-Intimati dan kien ammont projbitiv. Ghalhekk fittxu spizjara ohra. Ir-Rikorrenti staqsiethom "jiena ser nitlaq?" u ghaddiet biex talbet lil min ghamlet il-mistoqsija biex ihejjulha d-dokumenti ta' tmiem ta' mpieg u qalet li kienet ser tahdem in-*notice* ta' 4 gimghat.

7. Ir-Rikorrenti talbet lil Malcolm Micallef biex ivarja n-*notice* billi titnehha r-riferenza li tissemma fil-para 4 *supra* u harget ittra ohra bil-varjazzjoni (ara Dok SRP2 u 3). Talbet rinunzja ghal parti minn *notice* u accettaw (Dok SRP 3). Huma rrifjutaw li jiffirmaw formola ta' tmiem ta' mpieg li baghtet ir-Rikorrenti bil-kliem "dismissed" u "unfavourable treatment".

8. Spiccaw jinsistu li l-imgieba taghhom lejn ir-Rikorrenti kienet dejjem rispettuza u l-impieg intemm minhabba l-pretensjoni finanzjarja taghha. Ghalhekk dak li talbet ir-Rikorrenti ghandu jigi michud.

II PROVI

1. Jinghad mill-ewwel li hawn qed jinstiltu biss fil-qosor partijiet mill-provi u ghalhekk wiehed ghandu jhares ukoll lejn l-intier li jinsab fil-process.

2. Ir-<u>Rikorrenti</u> qalet li hi kienet tahdem filghodu biss bhala *managing pharmacist* u meta kienet bil-*maternity leave* offrewlha *full time* u qaltilhom li riedet tara. Hi kienet il-*breadwinner* tal-familja. Bir-riferenza li tawha, Dok ACB1 hi ma setghetx issib impieg iehor u fuq talba taghha, qatghu r-riferenza ghall-"family commitments". In kontro-ezami qalet "jien qatt ma rrizenjajt u qatt m'ghidt li ma nistax nahdem *full-time* minhabba l-familja tieghi". Mistoqsija fhiex kienet tikkonsisti d-diskriminazzjoni li allegat u qalet li hi spiccat bla job, "minghajr raguni ghaliex gejt imkeccija, u lanqas biss kont naf li qed jigri hekk minn warajja, li ngaggaw lil xi hadd iehor minn warajja, sirt naf".

3. Qablet li eventwalment l-impieg taghha sar *full-time reduced hours*. Mistoqsija dan l-impieg effettivament sarx *full-time* wiegbet "mill-ewwel kien hekk". Kienet giet avvicinata darba waqt il-*maternity leave* biex jinbidlu l-hinijiet. Kien hemm inkonsistenza minn min kien jidhol filghaxija u giet li dahlet floku wkoll. Kienet intervistat nies ghal *part-time* filghaxija waqt li hi tibqa' filghodu. Regghu semmewlha *full-time* u saru offerti reciprokament u hawn waqaf kollox. Qaltilhom li l-*financial package* offert lilha ma kienx accettabbli ghaliha u ma qalulha xejn izjed. Saret taf minn *salesgirls* u *salemen* li kienet giet ingaggata spizjara ohra. Hi qablet li tahdem in-*notice period* u hadmitu ghax ma kellhiex mnejn taqla paga f'dak ix-xahar. Hi ghandha (xehdet fis-26.10.2012) tifla u tifel rispettivament ta' 7 snin u sena u 4 xhur.

4. Hawn xehdet **<u>Dr. Maria Micallef,</u>** *ko-Intimata*. Meta giet impjegata r-Rikorrenti kienu qed ifittxu *full timer* – haga difficli. Ir-Rikorrenti giet impjegata l-ewwel bhala *part-timer* (filghodu biss) u wara *full timer reduced hours* bla ma taf dan sarx bi qbil mar-Rikorrenti. Bdew isibu *part timer* ghall-hinijiet li fihom ma jkunx hemm ir-Rikorrenti.

5. Dan l-arrangament kien johloq diffikulta finanzjarja u anke fil-"management" tal-ispizerija. Hawn kellmu lir-Rikorrenti li qaltilhom li ma setghetx issir *full timer*. Hawn Dr. Micallef tat dettalji dwar id-diffikultajiet finanzjarji li nholqulhom biex isibu prezenza ta' spizjar il-hin kollu inkluz is-Sibt. Ir-Rikorrenti riedet pakkett finanzjarju li ghall-ispizerija kien gholi wisq. Ir-Rikorrenti accettat li tahdem in-*notice* u telqet bil-kwiet. Hi kienet anke tharreg lill-ispizjara l-ohra.

6. Hi kienet bid-dok SRP3, irinunzjat ghal kull dritt spettanti lill-Intimati taht l-art 36(20) tal-EIR Act. Din l-ittra kienet talbitha r-Rikorrenti. Hi datata 31$^{st}$ October 2011.

7. Konto-ezaminata, qalet li ma kienetx taf kemm kienu r-*reduced hours*. Il-paga li offrewlha fix-xhar kienet €1750.00c. Drastikament differenti milli ppretendiet ir-Rikorrenti. Ir-relazzjoni bejniethom kienet dejjem informali u qatt ma nzammu xi minuti. Kuntratt ta' xoghol bil-miktub ma kienx hemm.

8. **<u>Joseph Saliba</u>** ghall-ETC, ipprezenta l-"employment history" tar-Rikorrenti, Dok JS1, flimkien ma' lista ta' mpjegati ma' San Raffael Pharmacy mit-30.06.2008 sa meta xehed (11.11.2013) – Dok JS 3-6.

9. **<u>Malcolm Micallef</u>**, ko-Intimat u wiehed mis-sidien, xehed sostanzjalment bhal Dr. Maria Micallef. Kien hu li tkellem mar-Rikorrenti. Kienu jafdawha. Hi, biex tkun *full time* <u>talbitu</u> ammont li kienet taf "ghax hadmet hemmhekk u taf li ma konniex naffordjawha". Ma sar xejn minn wara daharha.

10. Dwar *maternity leave* ir-Rikorrenti tkellmet mieghu. Insista li hi giet li qaltlu li fl-ispizerija kien hemm bzonn ta' xihadd *full time.* Tmiem l-impieg sar wara li kien ilu ftit li spicca l-*maternity leave*. Ir-Rikorrenti qaltlu li biex hi tahdem *full time* bilfors zewgha kellu jitlaq mill-impieg biex jiehu hsieb it-tfal. F'dan ir-rigward, semmietlu l-pakkett finanzjarju nett li riedet f'idha. Il-kontro proposta kienet ta' €1,700 netti. Qabel kellha xi €1,000 netti. Meta gharrfitu bil-pretenzjoni taghha, qalilha li kien ser ifittex lil haddiehor. Ir-Rikorrenti "qaltli m'ghadx fadal post hemmhekk ser nibda nfittex". Qatt ma kienet involuta fl-intervisti dwar min kien gej warajha. Issuccidietha Lucia Conti, xebba bla tfal.

11. **Vincent Vella**, sid iehor ftit li xejn xehet dawl fuq il-kwistjoni.

12. Il-gbir tal-provi ntemm billi r-Rikorrenti xehdet darbtejn, fit-3 ta' Frar, 2014, u fis-7 ta' April, 2014, fejn elaborat fuq dak li kienet ga xehdet qabel. Qalet li fuq *reduced hours* kienet tahdem mit-Tnejn sal-Gimgha mit-8am sa 1pm. Dana ghax kellha tifla. It-tieni tarbija twieldet fil-05.03.2011. Kellha *maternity leave* ta' 13-il gimgha. Kienet tqila meta ssemma xoghol *full time* fuq it-telefon. Irritornat ghax-xoghol f'Gunju 2011, 22 siegha xoghol. Filghaxija kien hemm *part timer* b'hafna problemi u tkellmu maghha s-sidien dwar li jispjegaw lil haddiehor li jkunu aktar jafu fejn huma mieghu. Saret sejha u saru l-intervisti u kienet hi li ghazlet lill-persuna izda kellha tissejjah mis-sidien.

13. Ir-Rikorrenti ziedet li Malcolm Micallef kien tgharrfilha dwar *full timer* u jekk hi kienetx imhajjra. Imbaghad xi nies f'xi Awwissu, 2011, staqsewha fejn kienet sejra u hawn intebhet li r-riferenza kienet ghal impieg iehor (ghax kienet ser tispicca minn fejn kienet). Kienet Maria Micallef li kienet akkumpanjata mill-ispizjara l-gdida u qaltilha li kienet gejja minfloka. Taf li lil din kienu offrewlha €1800 f'idejha.

14. Bhalissa r-Rikorrenti tahdem fi Mgarr Pharmacy *full time* b'€2000 fix-xahar. Applikat gimghatejn wara li kienet taf li ser titlaq minn ma' San Raffael.

15. In kontro-ezami ittennew xi affarijiet. Mistoqsija dwar diskriminazzjoni wiegbet hekk:-

    *Jiena nhoss li gejt diskriminata ghax ma kienx hemm raguni ghaliex, ghat-terminazzjoni tal-job tieghi, nahseb li r-raguni kienet ghax forsi ma kienx hemm tfal ghax jien peress li kien ghadu kemm kelli baby u dhalt mill-maternity leave.*

    Hi kienet, dwar ix-xoghol *full time*, halliethom bla risposta. B'wahda mpjegata hekk ma kienx ikun hemm bzonn *full timer*. Hi hadmet in-*notice* avvolja minhabba s-*sense of pride* taghha xtaqet taqbad u titlaq. Mill-ewwel bdiet tfittex mpieg iehor u bdiet f'wiehed xi jumejn, tlieta wara.

16. Qalet illi kieku kienet avzata minn qabel, kienet tfittex job aktar bil-kwiet u mhux taht *stress* minhabba l-familja. Imbaghad "x'hin ktibt fuq l-ETC form *unfair treatment* qlajt ghajta ghax ktibtha u nbidlet". Kienet ghaliha umiljazzjoni kbira.

17. Ri-ezaminata, semmiet mill-gdid il-hsieb taghha fuq il-fatt li minn issuccediha ma kellhiex tfal.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUBAL hawn qies bir-reqqa in-NOTA ta' OSSERVAZZJONIJET ta' kull parti. Noti bir-reqqa u li, fid-dawl ta' dak li hareg mill-provi, instabu ta' siwi kbir.

2. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh x'inhi attwalment it-TALBA tar-Rikorrenti. Din trid, testwalment, li dan it-TRIBUNAL jiddeciedi li "r-Rikorrenti giet ingustament imkeccija mill-impieg taghha u giet diskriminata mill-Intimat u b'hekk ir-Rikorrenti qed titlob kumpens xieraq u gust". Da parti tal-Intimati, jichdu dan u jghidu, fis-sustanza, li r-Rikorrenti temmet l-impieg taghha ghax l-ewwel qalet li s-sitwazzjoni familjari taghha ma kienetx tipermettilha mpieg *full time* u wara sabet li setghet taccetta dan l-impieg b'salarju ta' €2500 fix-xahar. Ghall-Intimati din il-proposta kienet inaccettabbli fir-rigward tal-*quantum* imsemmi ghax huma kienu offrew €1700 fix-xahar.

3. Mill-*Employment History* tar-Rikorrenti jirrizulta li din kienet impjegata bhala "pharmacist" mas-San Raffael Pharmacy fl-1 ta' Lulu, 2008, fuq bazi *part time*; fit-30 ta' Settembru, 2008, saret *full time* u fl-1 ta' Ottubru saret fuq bazi ta' *reduced hours*.

4. Meta wiehed jezamina l-provi jirrizulta car li s-sidien riedu "managing pharmacist" fuq bazi *full time* u dana fl-interess tat-tmexxija tal-"enterprise" taghhom bil-ghan li jigi mnaqqas l-impeg ta' sostituti liema mpieg johloq diffikula f'dik li hi certezza. B'dawn is-sostituti inqas tkun taf fejn int u jfissru spiza akbar.

5. Mitluba biex tissostanzja l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni r-Rikorrenti ghamlet zewg stqarrijiet rilevanti:

<u>L-ewwel</u>: ghax jien spiccajt minghajr il-job, minghajr raguni ghaliex gejt imkeccija u lanqas biss kont naf illi qed jigri hekk minn warajja, li ngaggaw lil xi hadd iehor minn warajja".

<u>Imbaghad</u>: jiena nhoss li gejt diskriminata ghax ma kienx hemm l-ebda raguni ghaliex ghat-terminazzjoni tal-job tieghi, nahseb li r-raguni kienet ghax forsi ma kienx hemm tfal ghax jien peress li kien ghadu kemm kelli baby u dhalt mill-maternity leave".

6. Din it-tieni raguni, prezentata bhala "possibilta'" waqt i-xhieda tar-Rikorrenti, tigi affirmata b'sahha fin-NOTA ta' Sottomissjonijiet taghha fejn jinghad illi "l-imsemmija Lucia Conti illi giet impjegata minflok l-esponenti, kienet xebba u minghajr tfal. Kjarament, l-Intimati kellhom kull interess li jehilsu mill-esponenti illi kienet ghadha fil-process illi tibni l-familja taghha". Allura mpjegaw lil Lucia Conti li ma kienetx ser toholqilhom piz finanzjarju ta' "maternity leave" u setghet tkun aktar flessibbli fil-hinijiet.

7. Fil-fehma tat-TRIBUNAL l-Intimati kienu qed jiffaccjaw stat ta' ncertezza li ghalih riedu jirrimedjaw. Hawn, jigi enfasizzat, li din azjenda zghira fejn il-manuvrar possibbli hu limitat. Da parti tar-Rikorrenti, uriet li trid tara ssibx soluzzjoni li tkun tajba ghaz-zewg nahat.

8. It-TRIBUNAL ihoss li l-Intimati raw f'Lucia Conti aktar serhan ir-ras meta qiesu l-pretensjonijiet u s-sitwazzjoni tar-Rikorrenti. F'dan kollu wiehed jara element ta' diskriminazzjoni imma fuq bazi limitata.

9. It-TRIBUNAL irrifletta sew fuq il-fatt li r-Rikorrenti hadmet in-*notice* kollu u li ghaddiet minn impieg ghal iehor bla ebda ntervall. Kif sew hemm fin-NOTA tar-Rikorrenti dan mhux kaz ta' danni reali li ghandhom jigu pruvati sal-inqas centezmu. Izda minn naha l-ohra dak li r-Rikorrenti materjalment tilfet jew ma tilfitx anqas hu xi haga estraneja. It-TRIBUNAL anqas ghandu joqghod jaghqad *in vacuo*.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL, meta jqis kollox isib li ghandu jilqa t-TALBA tar-Rikorrenti, b'mod limitat. Jiddeciedi li r-Rikorrenti sofriet element ta' diskriminazzjoni fit-tmiem tal-impieg taghha. Meqjusa l-mizura ta' diskriminazzjoni u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-TRIBUNAL jikkundanna lill-Intimati biex ihallsu lir-Rikorrenti, in linea ta' kumpens, il-*quantum* ta' erbat elef euro (€4,000.00c).

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assistita l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
Av. Yana Micallef Stafrace
Chairman

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**